**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 87 – IT-TNEJN, 10 TA' LULJU 2017 FIS-5.40PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Rita Saliba | Kunsillier |

## 1 Pjan ta' hidma ta' tliet snin

1.1 Kien hemm diskussjoni rigward draft rapport ta' tleit snin ħidma 2017-2019. Wara li gew diskussi l-punti, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġi approvat dan ir-rapport. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Festa tal-Lokal

2.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jikkontribwixxi 300 Ewro għal preżenza ta' fire engine tas-Civil Service għal waqt il-logħob tan-nar. Kien hemm qbil unanimu wkoll li l-Kunsill jipprovdi servizzi ta' warden jew pulizija (15-il siegħa) għal waqt l-armar u żarmar tat-tiżjin kif ukoll 150 Ewro għal hi up.

## 3 Reply to Management Letter

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward id-draft reply to management letter. Wara li ġew diskussi l-punti tal-management letter, kif ukoll ir-risposta, is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi approvata l-ittra ta' risposta. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Kiri ta’ Garage

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-possibilità li jinkera garage viċin tal-Kunsill biex jintuża għal storage ta’ affarjiet tal-Kunsill. Ġie innutat li dan il-garage li ġie identifikat huwa viċin tal-Kunsill imma huwa basement. Kien hemm qbil li għalissa dan il-garage ma jiġix mikri u nippruvaw insibu post ieħor.

## 5 Tlielaq taz-żwiemel fit-Toroq ta’ San Ġwann

5.1 Ġie innutat li kien hemm min avviċina xi membri tal-kunsill biex jiġu organizzati tlielaq taż-żwiemel fit-toroq tal-Kunsill. Wara li ġew diskussi numru ta ’punti fuq din il-materja, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal kull applikazzjoni għal talbiet ta’ tlielaq taż-żwiemel fit-toroq ta’ San Ġwann.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm.

_________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

_________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**